**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Brian Azzopardi ta' 17 sena bin Carmel u Eucharistica nee` Saliba u li joqghod Block 2, Plot 25, Vjal il-Labour, Xewkija.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 14985 G)**

Illum 12 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli nhar it-28 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-5:00 p.m. fi Triq l-Imgarr, Rabat, Ghawdex, saq vettura Numru JAZ 558 (1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta sabiex isuq l-istess vettura (2) minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni (3) minghajr ma kien liebes is-Seat Belt.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi jekk l-imputat jinstab hati barra mill-piena stabbilita jigi sospiz il-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien illi l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Issib lill-imputat hati;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104 u l-Avviz Legali 129/95;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ammenda fuq it-tieni u t-tielet akkuzi stante li l-imputat kien minorenni fid-data tal-kommessjoni tar-rejat skond l-artikolu 37 tal-Kap 9;

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mill-jum li jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur